# KUNSILL LOKALI ĦAL LIJA
**TRIQ ROBERT MIFSUD BONNICI**
**ĦAL LIJA**
**TEL NO : 21416101 FAX : 21416941**


MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Lija

## IT-TMIEN LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 09

Data tal-laqgħa: L-Erbgħa 08 ta' Jannar 2020

Il-Kunsilli Lokali Ħal Lija ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Robert Mifsud Bonniċi, fil-4.00 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:
Anthony Dalli – Sindku
Daniel Mallia– Viċi Sindku
Calcedonio Cini – Kunsillier
Lorraine Farrugia – *Minority Leader*
Joseph Zahra – Kunsillier

### ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):
Ma kien hemm ebda membru assenti b'apoloġija.

### ASSENTI:
Ma kien hemm ebda membru assenti.

### UFFIĊJAL PREŻENTI:
Pamela Borg – Segretarju Eżekuttiv

# Minuti

Is-Sindku Anthony Dalli, ippreseda il-laqgħa.

## 9.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

9.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

## 9.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Numru 08

9.2.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu l-Minuti tat-tmien laqgħa. Kopja tal-minuti ngħataw lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

9.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezjoni tal-minuti.

9.2.3 Fuq proposta tal-Viċi Sindku Daniel Mallia li kien issekondat mill-*Minority Leader* Lorraine Farrugia, il-minuti ġew approvati unanimament.

## 9.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa tal-Lokalita Numru 02

9.3.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu l-Minuti tat-tieni laqgħa tal-lokalita għas-sena 2019. Kopja tal-minuti ngħataw lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

9.3.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezjoni tal-minuti.

9.3.3 Fuq proposta tal-Viċi Sindku Daniel Mallia li kien issekondat mill-Kunsillier Calcedonio Cini, il-minuti ġew approvati unanimament.

## 9.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

9.4.1 Is-Sindku beda billi qal li huwa jittama li kulħadd kellu l-Milied it-Tajjab u j'Alla li tkun sena tajba ta' ħidma għal kunsill bil-għan li jsir ħafna ġid lir-raħal.

9.4.2 Is-Sindku tkellem fuq Triq Annibale Preca kantuniera ma' Triq Kananea fejn qal li Infrastructure bdew bix-xogħlijiet fuq il-culvert. Huwa żied jgħid li l-istaff tal-kunsill qed iżomm kuntatt kontinwu mal-kuntrattur u dan b'mod speċjali kemm il-darba jidħol xi lment il-kunsill mingħand ir-residenti fuq dan ix-xogħol.

9.4.3 Is-Sindku ta update lil kunsilliera fejn spjega kif huwa flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw erba kuntratti ġoddi għas-servizzi; tal-knis, tal-installazzjoni u manutenzjoni tat-tabelli u sinjali, tal-perit u tal-*contracts manager* u dawn il-kuntratti ġew inseħħ b'mod effettiv mid-data li ġew iffirmati.

**Il-Ħin kien 16:10pm meta wasal il-Kunsillier is-Sur Joseph Zahra.**

9.4.4 Is-Sindku nforma li waslet iċ-ċirkulari mingħand id-dipartiment tal-Gvern Lokali li titratta fuq l-allokazzjoni għas-sena 2020. Sa fl-aħħar il-kunsill lokali ta' Ħal Lija huwa aġġornat bid-dħul li hu huwa ntitolat għalih. Is-Sur Dalli żied jgħid li b'permezz ta' din l-informazzjoni ġew imfassla l-estimi annwali *(budget*) għas-sena 2020 li dawn ser ikunu diskussi fid-dettal aktar tard.

9.4.5 Is-Sur Dalli qal li l-kunsill bħalissa qiegħed f'taħdida mal-kumpanija '*District Operations*' rigward waħda mill-iskemi li huma għandhom. Din hija kumpanija li tgħin lil kunsilli lokali b'diversi skemi bħal pereżempju l-iskema fejn jiġi allokat ħaddiem (*handyman*) biex jagħmel xogħlijiet ta' manutenzjoni. Riċentament il-kunsill kiseb informazzjoni li din l-kumpanija anke toffri skemi fejn jiġu allokati persuni klerikali u jidher li wieħed minn dawn il-persuni, żgħażugħ ta' dsatax-il sena, ser ikun stazjonat fil-kunsill ta' Ħal Lija mill-bidu ta' Marzu 2020. Dan l-informazzjoni ġiet kkonfermat mis-Segretarju Eżekuttiv. Is-sindku qal li fil-jiem li ġejjien huwa flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv ser jagħmlu kuntatt ma' dan iż-żgħażugħ biex jiltaqgħu miegħu u jsiru jafuh daqsxejn aħjar qabel ma jiġi appuntat.

9.4.6 Is-Sindku qal li d-dokument tat-*tender* tal-ħitan tas-sejjieħ ħareġ, ġie ppublikat onlajn fuq is-sistema tal-*etendering* u jagħlaq fil-15 ta' Jannar 2020. Apparti minn hekk huwa qal ukoll li nfetah kont ma' Central Bank of Malta biex l-fondi li l-kunsill ser jingħata għal dan il-proġett flimkien mas- somma ta' 20% li jrid joħroġ il-kunsill ikunu kollha miġburin fih.

9.4.7 Is-Sur Dalli qal li huwa għandu ħsieb biex waħda mill-attivitajiet li l-kunsill xieraq iħejji għal din is-sena tkun marbuta ma' Jum l'Omm u apparti din l-attivita huwa jixtieq ukoll li qrib tal-karnival isir *weekend break* il-*Paradise Bay Hotel* għall-anzjani.

## 9.5 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera

9.5.1 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera ma kienx hemm.

## 9.6 Korrispondenza

9.6.1 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia għamlet domanda fuq korrispondenza nru 2269/19 u xtaqet tkun taf din fuq xix titratta. Is-Sindku qal li avviċinah resident fuq problema ta' parkeġġ fi Triq Carmelo Farrugia u dan il-każ qed jieħu ħsiebu huwa flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv ħalli jaraw kif jistgħu jgħinuh mill-aħjar. Is-Sur Dalli qal li huwa diġa mar tlett darbiet fuq il-post rigward dan l-ilment.

9.6.2 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia xtaqet tkun taf fuq xix titratta korrispondenza nru 2271/19 bl-isem ' *Parking* fi Triq Annibale Preca, Ħal Lija'. Is-Sindku nfurmaha li dik hija korrispondenza bejn TM u l-kunsill fejn il-kunsill ressaq talba ma' TM f'isem resident biex fi Triq Annibale Preca jkun jista jokkupa żewġ *timed parking spaces* quddiem il-binja li huwa qed jirranġa. TM aċċetta din it-talba u ser jingħataw żewġ *loading and unloading bays* f'ċertu ħinijiet, għal perjodu temporanju.

9.6.3 Il-Kunsillier Joseph Zahra xtaq ikun jaf aktar dwar korrispondena nru 2287/19 bl-isem ' *Loud noises from a loose manhole*(tappiera)'. Is-Sindku kif ukoll is-Segretarju Eżekuttiv ikkonfermaw li dik kienet imejl mibgħutha mingħand resident rigward tappiera fi Triq Annibale Preca li m'għandix lastiku biżejjed mad-dawra tagħha u kull darba li l-karozzi jgħaddu minn fuqha tagħmel il-ħoss. Il-Kunsill diġa rrapporta din it-tappiera lil WSC, pero għandha terġa issir reminder. Is-Sur Cini qal li hemm tappiera oħra bla lastiku fi Vjal it-Trasfiguazzjoni biex tiġi rrapurtatha ukoll. Is-Sinjorina Lorraine Farrugia qalet li hemm oħra ċċekċek fuq il-bankina fi Triq Carmelo Farrugia pero din hija tal-Go. Is-Segretarju Eżekuttiv ser tieħu ħsieb li jsiru r-rapporti għal dawn l-ilmenti.

9.6.4 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia riedet tkun taf x'inhi korrispondenza nru 2292/19 – Reserved parking fi Triq Giovanni Barbara. Is-Sindku spjega kif kien hemm talba mingħand residenta biex iċċaqlaq ir-*reserved parking* li hija għandha minn fejn qiegħda għal post ieħor. Il-Kunsill bgħat din it-talba għall-approvazzjoni ta' TM u TM issa qed tistaqsi lil kunsill biex tibgħat ritratt immarkat fejn juri eżatt it-talba għalfejn trid titressaq din ir-*reserved*.

9.6.5 Is-Sinjorina Farrugia riedet tkun informata dwar korrispondenza nru 2293/19 li l-kunsill irċieva mingħand ir-Reġjun Ċentru dwar Skema finanzjarja -żvilupp ta' Libreriji lokali. Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat kif ir-Reġjun għandu ħsieb joħrog xi skemi biex jgħin lil dawk il-kunsilli li fil-lokali tagħhom għandhom librerija u għalhekk ir-Reġjun bgħat imejl lil kunsilli kollha fejn talab lil dawk il-kunsilli li għandhom librerija biex jidentifikaw ruħhom. Fil-każ ta' Ħal Lija din l-iskema mhux applikabbli għax m'hawnx librerija.

9.6.6 Is-Sur Joseph Zahra xtaq klarifikazzjoni fuq korrispondenza nru 2308/19 – L-ISBNS b'xejn mill-1 ta' Jannar 2020. Is-Sindku spjega kif fi Ħal Lija m'hawnx ISBNS pero il-Kunsill dejjem jista jikkunsidra li jsiru fil-futur. Naturalment wieħed irid jaħseb sew fejn dawn jistgħu jitpoġġew biex ma jkunux ta' inkonvenjent għal ħadd għax is-Sindku qal li dawn jaf iġibu ħafna nkwiet. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li skond informazzjoni li hija għandha dawn l-ISBNS kemm il-darba tpoġġew f'diversi postijiet fir-raħal fil-passat qatt ma kienu ta' suċċess.

9.6.7 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia xtaqet klarifikazzjoni fuq nru 0004/20 – Taħdita anzjani. Is-Sindku spjega kif huwa riċentament ġab lil tal-*fire brigade* fejn taw taħdita edukattiva lil anzjani u huwa kompla jgħid kif il-kunsill ser jieħu l-inizjattiva biex ikompli jitlob lil diversi entitajiet oħra biex jagħmlu aktar taħdidiet edukattivi fil-futur għan-nies tar-raħal.

## 9.7 Vakanza ta' Skrivan mal-Kunsill Lokali ta' Ħal Lija

9.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-kunsill baqa ma sab lil ħadd li huwa eliġibbli biex jaqdi d-dmirijiet ta' skrivan fuq bażi part-time kif meħtieg. Il-Kunsill wettaq l-istadji kollha li huma mitluba jiġu mħarsa meta tibda proċedura ta' sejħa għall-impjieg u din l-kariga l-kunsill l-aħħar li rriklamaha kien fuq it-Times of Malta u dan l-avviż skada fi 20 ta' Dicemrbu 2019.

9.7.2 Il-Kunsill unanimament approva li din is-sejħa tibqa nseħħ u tibqa tiġi rreklamatha forsi sa fl-aħħar jinstab xi ħadd eliġibbli għal din il-kariga.

## 9.8 Vakanza ta' Uffiċjal Eżekuttiv mal-Kunsill Lokali ta' Ħal Lija

9.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-kunsill kien wasal fil-proċess fejn irċieva applikazzjoni waħda nterna mingħand is-Sinjura Pace fejn din l-applikazzjoni ġiet evalwatha mill-kunsill. Kien hemm qbil ukoll mill-kunsill kollu fuq id-data tal-*interview* li sar mas-sinjura Pace.

9.8.2 Is-Segretarju Eżekuttiv żiedet tgħid li hija sodisfatta bil-*performance* tas-sinjura Pace u hija għamlet avvanzament kbir fix-xogħol ta' kuljum li hija tiprovdi u jixraqilha dan it-titlu. Għalhekk diment li l-kunsill ma jsibx oġġezzjoni s-Segretarju Eżekuttiv talbet lis-sindku u lil kunsilliera biex japrovaw li; s-sinjura Pace hija eliġibbli għall-kariga ta' Uffiċjal Eżekuttiv u dan biex b'hekk hija uffiċjalment tinforma lis-sinjura Pace b'din id-deċizjoni u kif ukoll lid-dipartiment u l-ETC.

9.8.3 Il-Kunsill unanimament approva li s-Sinjura Audrey Pace tiġi magħżulha għal din il-kariga b'effett immedjat u tingħata t-titlu ta' Uffiċjal Eżekuttiv kif hemm bżonn biex jitjieb l-operat tal-kunsill.

## 9.9 Citrus Festival 2020

9.9.1 Is-Sindku qal li kif ġie diskuss fis-seduta li għaddiet u kif kien ikkomunikat b'permezz ta' imejl li bgħatet is-Segretarju Eżekuttiv lil kunsilliera, kien hemm qbil b'mod unanimu biex l-festival taċ-ċitru jsir il-Ħadd 2 ta' Frar, 2020 bejn 9:30am -6:00pm. Il-Festival taċ-Ċitru minn naħa tal-President ser isir fid-19 ta' Jannar, 2020.

9.9.2 Il-Festival taċ-ċitru ser issir barra fi parti minn Triq Sir Ugo Mifsud u f'każ li din it-triq tkun maqgħluha minn Infrastructre Malta ssir fi Triq is-Salvatur fejn is-Salvatur il-Qadim. F'każ ta' maltemp, din l-attivita titħassar. Is-Segretarju Eżekuttiv fakret li fil-post fejn ser issir din l-attivita dejjem irid isir *risk assesment* minħabba s-sigurta u s-sindku diġa għamel kuntatt ma' persuna biex tibgħat stima lil kunsill ta' dan. Rigward is-sigurta s-sindku qal li huwa mportanti ħafna biex quddiem is-sorijiet dumnikani ma jkunx ostakulat f'każ li tinqgħala emerġenza bi ambulanza.

9.9.3 Is-Sindku qal li huwa għandu ħsieb biex jara jekk l-għaqdiet kollha għandhomx interess li flimkien jtellaw bar fejn jbiegħu xorb bħal kafe, te, ilma, luminata etc u ikel bħal ħobż, muffins, pastizzi etc.

9.9.4 Is-Sur Dalli għandu ħsieb ukoll li waqt din l-attivita ikun hemm diversi tipi ta' *vendors* bħal tal-frott u l-ħaxix, tal-fjuri, tal-artiġjanat u tal-għasel. Rigward il-*vendors* tal-artiġjanat u l-għasel il-kunsill diġa għamel kuntatt mal-persuni li ġew għal dan il-festival fil-passat u dawn għandhom interess jerġgħu jattendu. Apparti minn hekk ser ikun hemm bejgħ normali tal-laring u s-sindku ser jiprova ukoll isib persuna biex tkun inkarigata tasar il-laring biex b'hekk tingħata xarba b'xejn lil min jattendi.

9.9.5 Is-Sindku qed jissuġġerrixi li anke jkun hemm bonsai stand.

9.9.6 Is-Sur Dalli qal li huwa anke qed jistinka u jiprova jagħmel minn kollox biex dakinhar ikun hemm il-kappelli kollha miftuħin kif ukoll Villa Francia ħalli jsir *tour* b'xejn għal kull min jattendi. Is-Sindku qal li ser jagħmel kuntatt mas-Sur Salvu Sammut biex jistaqsih jekk għandux pjaċir jagħtih huwa dan it-*tour*; darbtejn fil-ġurnata, wieħed fil-11:00am u ieħor fi 3:00pm. Is-Sinjorina Lorraine Farrugia ssuġġeriet biex it-*tours* jingħataw bi *train* kif darba diġa sar fil-passat. Il-Kunsill qabel ma' dan is-suġġeriment.

9.9.7 Is-Sindku qal li huwa anke għandu pjan li jagħmel Local Council stand, infatti huwa żied jgħid li l-kunsill ser jagħmel kuntatt mal-MTA biex jordna l-kannizzati ħalli dawn iservu ta' stands.

9.9.8 Is-Sur Dalli qal li huwa mportanti ukoll biex tinkera gazebo jew tinda daqsxejn kbira bis-*sound* ħalli taħtha

jkunu jistgħu jsiru xi *talks* edukattivi u anke demostrazzjonijiet tal-ikel li għandhom isiru minn kok professjonali. L-Kunsill għandu jagħmel kuntatt ma' l-istess kok li ħa sehem fil-*waste reduction week* u jsaqsih jekk għandux interess u jistax jipparteċipa fil-festival taċ-ċitru. Apparti l-gazebo/tinda jaf anke jkun hemm bżonn li jinkrew xi siġġijiet għan-nies.

9.9.9 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia qalet li hija taf bi persuna li jista jagħmel *orange flavoured coffees/teas/beverages* u anke *non-alcoholic cocktails* tal-frott. Is-Sindku qal li din hija idea ferm tajba u biex hija tgħaddi d-dettalji ta' din il-persuna lil kunsill ħalli jkun jista jsir kuntatt dirett magħha.

9.9.10 Is-Sindku qed jissuġġerrixi li l-kunsill għandu jixtri daqsxejn frott mhux ħazin li jikkonsisti fi tuffieħ, banana u larinġ, biex issir *fruit breakfast* għat-tfal.

9.9.11 Is-Sindku jixtieq jistieden ukoll lid-Dar tal-Providenza u jagħtihom stand fejn ibiegħu l-ixtieli u b'hekk il-kunsill ikun qed jgħinhom jiġbru daqsxejn flus għall-karita. Is-Sur Dalli qal li anke għamlu kuntatt miegħu mill-kumpanija MPS Ltd għax dawn għandhom *mobile unit* u jixtiequ jieħdu sehem fil-festival taċ-ċitru u jipromovu l-kampanja edukattiva tagħhom bl-isem '*Water -Be the change'*.

9.9.12 Is-Sindku anke għandu ħsieb jistieden lil Lija *primary school* biex jipparteċipaw billi jtellaw *stand* li titratta dwar ECO skola.

9.9.13 Is-Sur Dalli ser jistieden ukoll lil kappillan biex ibierek dan il-festival u ser jitlob lil Banda San Pio X biex jipparteċipaw.

9.9.14 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia staqsiet jekk mhux ser ikun hemm *entertainment* għat-tfal bħal *face painting u mascots* bħal xi *fairy* jew xi tip ta' *cartoons*. Is-Sindku ma jsibx oġġezzjoni għal dan is-suġġeriment u l-kunsil għandu jġib il-kwotazzjonijiet għal dan.

9.9.15 Is-Sur Joseph Zahra qed jissuġġerixi biex il-kunsill anke jġib *mobile blood bank* dakinhar tal-attivita. Is-sindku u l-kumplament tal-kunsill qablu ma' dan is-suġġeriment.

9.9.16 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia staqsiet jekk mhux ser issir xi tip ta' wirja fil-Mitħna u s-sur Ċini ssuġġerixxa li titella wirja tal-arti u pitturi. Is-Sindku u l-kunsilliera ser jaħsbu f'xi nies minn Ħal Lija stess li huma artisti u li jistgħu jkunu ta' għajnuna biex titella din il-wirja.

9.9.17 Is-Sindku stqarr li dawn kollha huma ideat tajbin pero biex dan il-festival verament ikun ta' suċċess huwa qal li l-preżenza tal-kunsilliera kollha hija mportanti mmens u huwa qed jistenna li dakinhar kulħadd jagħmel mill-aħjar biex ikun preżenti.

9.9.18 Il-Kunsill qabel li għandu jintbgħat flyer u programm bil-ħinijiet u bid-dettalji kollha marbutin mal-festival taċ-ċitru fid-djar kollha. Barra minn hekk is-sinjorina Lorraine Farrugia ssuġġerixxiet biex isir avviż fil-kantuniera ta' Vjal it-Trasfigurazzjoni ma' Triq in-Naxxar minnflokk dak l-avviż li kien isir mat-Torri.

## 9.10 *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill u lmenti

9.10.1.1 <u>Approvazzjoni tal-*performance reports* tal-Impjegati</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda ttra dwar il-*performance bonuses* flimkien ma' kopja tal-*appriasal reports* tal-impjegati għas-sena 2019, għall-approvazzjoni tas-sindku u l-kunsilliera.

9.10.1.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qrat il-kontenut ta' din l-ittra u nfurmat lil kunsill li għas-sena 2019 b'kollox iridu jiġu kkunsidrati ħames (5) *appriasal reports*:

- Tas-Sinjura Dorianne Bonniċi Bondin fuq il-*performance* li hija tat fil-pożizzjoni ta' assistent prinċipal għal perjodu minn Jannar sa Diċembru 2019;
- Tas-Sinjura Audrey Pace fuq il-*performance* li hija tat fil-pożizzjoni ta' skrivan għal perjodu minn Jannar sa Diċembru 2019;
- Tas-Sinjorina Pamela Borg fuq il-*performance* li hija tat fil-pożizzjoni ta' uffiċjal eżekuttiv għal perjodu minn Jannar sat-12 ta' Mejju 2019;
- Tas-Sinjorina Pamela Borg fuq il-*performance* li hija tat fil-pożizzjoni ta' segretarju eżekuttiv għal perjodu mit-13 ta' Mejju sa Diċembru 2019; u
- Tas-Sinjorina Doriette Farrugia fuq il-*performance* li hija tat fil-pożizzjoni ta' deputat segretarju

eżekuttiv għal perjodu minn Jannar sa Mejju 2019.

9.10.1.3 Bħala Segretarju Eżekuttiv is-Sinjorina Pamela Borg tkelmet fuq l-ewwel tlett *appraisal reports* u hija pproponiet li t-tlett impjegati; Dorianne Bonniċi Bondin, Audrey Pace u hija stess Pamela Borg(bħala uffiċjal eżekuttiv) jingħataw rapport tajjeb bil-*full performance bonus* ta' 6%.

9.10.1.4 Il-Kunsill unanimament approva dan.

9.10.1.5 Wara dan is-Segretarju Eżekuttiv Pamela Borg ħarġet daqsxejn mill-kamra biex is-Sindku jressaq iż-żewġ rapporti l-oħra; tas- sinjorina Borg bħala segretarju eżekuttiv u tas-Sinjorina Farrugia bħala deputat segretarju Eżekuttiv.

9.10.1.6 Is-Sindku ddiskutha dawn iż-żewġ rapporti mal-kunsilliera u kif intemmet din id-diskussjoni s-Sinjorina Borg reġgħat ġiet imsejħa lura fil-kamra. Is-Sur Dalli nforma lis-Sinjorina Borg li l-kunsill unanimament approva kemm l-*appraisal report* tagħha u kif ukoll l-*appraisal report* tas-Sinjorina Farrugia bi *full performance bonus* ta' 10%. Is-Sinjorina Borg irringrazzjat lis-Sindku u l-kunsilliera ta' dan u tal-apprezzament li huma juru fix-xogħol tal-amministrazzjoni mtella kemm minnha u kif ukoll mill-kumplament tal-impjegati.

9.10.2.1 <u>Applikazzjoni ta' *Reserved Parking Bay* fi Triq C.Farrugia</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda tal-kunsill applikazzjoni ta' *reserved parking bay* fi Triq C.Farrugia għall-approvazzjoni tal-kunsilliera.

9.10.2.2 Is-Sindku qal li huwa mar fuq il-post biex jara min qed jagħmel it-talba għal din ir-*reserved* u kif ukoll fejn eżatt. Mid-dehra r-resident li għamlet l-applikazzjoni ma' TM trid personalised *reserved parking bay* u mhux waħda *communal*.

9.10.2.3 Is-Sindku qal li bħala kummenti fuq din ir-*reserved* il-kunsill kiteb li skond informazzjoni li tat din ir-residenta meta ġiet mistoqsijha, hija m'għandix garaxx mad-dar u barra minn hekk diġa hemm *reserved parking bay* oħra f'din l-istess triq.

9.10.2.4 Il-Kunsill qabel fuq dawn il-kummenti u din l-applikazzjoni ser tiġi mibgħtuha lil Transport Malta.

9.10.3.1 <u>Talba għall-bozza ġdida fi Triq Sant Andrija</u>
Residenta għamlet talba mas-sindku biex issir bozza ġdida fi Triq Sant Andrija fejn dar numru 6.

9.10.3.2 Is-Sindku qal kif rigward din it-talba l-kunsill għandu jieħu parir mingħand il-kuntrattur tad-dawl u jekk dan verament jikkonferma li hemm bżonn ta' bozza ġdida naturalment issir applikazzjoni mal-Enemalta.

9.10.4.1 <u>Talba fi Triq Sant Andrija għall-*bollard*</u>
Residenta qed titlob biex id-*deliniator* li hemm fi Triq Sant Andrija tinbidel għal *bollard* tal-plastik.

9.10.4.2 Il-kunsill unanimament approva din it-talba.

9.10.5.1 <u>Talba għal kaxxa safra jew *double yellow lines* fi Triq Preziosi</u>
Residenta li toqgħod fi Triq Preziosi qed titlob biex quddiem id-dar tagħha ssir xi kaxxa safra jew inkella *double yellow lines*. Dan għaliex il-karozzi qed jipparkjawla eżatti quddiem il-bieb u jostakolawha l-ħruġ u d-dħul għal darha.

9.10.5.2 Is-Sindku tal-parir li fil-parti l-fuq mid-dar tagħha l-kunsill japplika għal *double yellow lines* u għal quddiem il-bieb tagħha japplika għal kaxxa safra bħal *keep clear*. Qabel tintbgħat l-applikazzjoni tal-kaxxa s-safra lil TM il-kunsill għandu jkejjel eżatt kemm għandha tkun kbira din il-kaxxa skond il-wiesgħa tal-bieb tagħha biex dan il-kejl ikun inkluż fl-applikazzjoni tal-kunsill.

9.10.5.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

9.10.6.1 <u>Suġġeriment għal *double yellow lines* fi Triq Annibale Preca fejn l-istatwa ta' San Ġużepp</u>
Il-gwardjana tal-lokali qed tissuġġerixxi biex fi Triq Annibale Preca eżatt fejn l-istatwa ta' San Ġużepp isiru *double yellow lines* b'mod urġenti. Dan għaliex ta' spiss meta hija tkun qed tagħmel ir-ronda fir-raħal tinnota xi karozzi pparkjati ma' ġenb l-istatwa u dawn qed ikunu ta' ostaklu għal min ikun ġej minn Ħ'Attard u jkun irid

idur il-fuq għal Triq Annibale Preca.

9.10.6.2 Il-Kunsill unanimament approva dan is-suġġeriment u s-sindku qal li dawn id-double yellow lines jistgħu jsiru minnufih mingħajr ma l-kunsill joqgħod jistenna l-approvazzjoni ta' TM.

## 9.11 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti w spejjes oħra

9.11.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' pagamenti numru 01 li kienet tinkludi l-ammont tal- *Petty Cash* ta' **€92.84** għax-xahar ta' Diċembru.

9.11.2 L-iskeda ta' ħlasijiet kollha kienet proposta għall-approvazzjoni mill-*Minority Leader* Lorraine Farrugia li kienet ssekondata mill-Kunsillier Calcedonio Cini. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet kollha.

9.11.3 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet fuq il-mejda l-importanza li jsir *safe* fl-uffiċju tal-kunsill u talbet lil kunsilliera biex japprovaw din it-talba u l-ispiża marbuta magħha. Il-Kunsill unanimament approva dan.

## 9.12 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-Estimi Annwali (*Budget*) għas-sena 2020 flimkien mar-Rapport tal-Pjan ta' Ħidma (*Business Plan*) għal perjodu 2020 -2024

9.12.1.1 <u>Approvazzjoni tar-Rapport tal-Estimi Annwali (*Budget)* għas-sena 2020</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet ir-rapport tal-estimi annwali għas-sena 2020 għall-approvazzjoni tal-kunsill.

9.12.1.2 Waqt din il-parti tal-laqgħa preżenti kien hemm l-*accountant* tal-kunsill is-sur Christian Farrugia minn Akkonta Services Ltd. Is-Sur Farrugia kien preżenti biex jagħti spjegazzjoni żgħira ta' dan il-*budget* u jwieġeb il-mistoqsijiet tal-kunsilliera dwar dan.

9.12.1.3 Qabel ma ġie mistieden is-Sur Farrugia biex jibda jagħti spjegazzjoni ta' dan ir-rapport, is-Sindku qal li s-Sinjorina Lorraine Farrugia ftit jiem qabel il-laqgħa bgħatet imejl lis-Segretarju Eżekuttiv fejn esprimiet ix-xewqa tagħha biex fil-*budget* għas-sena 2020 ikun hemm inkluż spejjeż relatati ma' ħarġiet kulturali, korsijiet edukattivi, mawriet kulturali u l-*father christmas activity*. IS-Sindku qal lis-sinjorina Farrugia li dawn huma affarijiet li l-kunsill diġa ħaseb għalihom u għalhekk ser ikunu nklużi żgur fil-*budget*.

9.12.1.4 Is-Sur Farrugia spjega kif għas-sena 2020 qed jiġi estimat li l-kunsill ser ikollu dħul totali ta' €357,671. Dan l-ammont jinkorpora fih; l-allokazzjoni tal-Gvern Lokali ta' €297,159, dħul minn permessi u *bye-laws* ta' €21,000, dħul minn LES ta' €16,848 u dħul ieħor ta' €22,664.

9.12.1.5 Is-Sur Farrugia qal li l-ammont tan-nefqa li ser ikollu l-kunsill għas-sena 2020 huwa estimat li ser jaqbeż l-ammont tad-dħul għax dan ser jammonta għal total ta' €372,962. Parti kbira minn din in-nefqa tinkorpora fiha s-salarji tal-impjegati u l-*allowances* tal-kunsilliera bl-ammont ta' €103,626 u kif ukoll l-ammont tal-operat ta' diversi servizzi u manutenzzjoni ta' €190,969. Hemm ukoll inkluż l-ammont ta' €43,267 għall-amministrazzjoni, €100 *finance cost* u nefqa oħra ta' €35,000.

9.12.1.6 Is-Sur Farrugia żied jgħid li din is-sena hija l-aħħar sena li l-kunsill għandu jalloka flus għal ħlas ta' PPP toroq. Is-somma li baqa dovuta mill-kunsill fuq PPP toroq hija ta' €14,062 u din hija nkluża fl-estimi.

9.12.1.7 L-*accountant* temm l-ispjegazzjoni tiegħu billi qal li dan ifisser li l-allokazzjoni finanzjarja mgħottija mill-Gvern Lokali mhux biżejjed. Il-fondi tal-kunsill huma limitati u minħabba dan qed jiġi estimat *deficit* ta' €15,291. Pero dawn huma biss kalkoli u jaf il-kunsill ma jispiċċax f'sitwazzjoni ta' *deficit* speċjalment jekk jirregola ruħu fl-infiq.

9.12.1.8 Is-Sindku staqsa lil kunsilliera jekk għandhomx xi mistoqsija għas-Sur Farrugia, pero ma kienx hemm mistoqsijiet. Għalhekk is-sindku talab lil kunsilliera biex jekk m'hemmx oġġezzjonijiet dan ir-rapport jiġi approvat.

9.12.1.9 Il-Kunsill approva dan ir-rapport unanimament. Kopja ta' dan ir-rapport għandha tintbgħat lil kunsilliera kollha u kif ukoll lid-dipartiment tal-Gvern Lokali.

9.12.2.1 <u>Approvazzjoni tar-Rapport tal-Pjan ta' ħidma (*Business Plan*) għal perjodu minn 2020-2024</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet fuq il-mejda r-rapport tal-pjan ta' ħidma għal perjodu minn 2020-2024 għall-approvazzjoni tal-kunsill. Hija ressqet l-istess pjan ta' ħidma li kien ġie ppreżentant fil-ewwel laqgħa annwali ta' meta nħatar il-kunsill.

9.12.2.2 Is-Sindku qal li l-proġetti li bi ħsiebu jwettaq il-kunsill għal ħames snin li ġejjien ftit li xejn inbiddlu minn dakinhar li ġie ppreżentat ir-rapport fl-ewwel laqgħa annwali u għalhekk qed jiġi propost li jerġa jiġi mtella l-istess rapport, bl-istess pjan ta' ħidma. Jekk hemm xi emendi dawn huma żgħar u ser jiġu rranġati kif suppost mill-*accountant* fuq l-istruzzjonijiet tas-Segretarju Eżekuttiv fuq bażi tax-xewqiet tal-kunsill.

9.12.2.3 Is-Sindku ġibed l-attenzjoni tas-sinjorina Lorraine Farrugia fejn infurmaha li l-lista ta' proġetti li hija bgħatet b'imejl fejn qed tiproponi biex dawn jiġu mwettqa fis-snin li ġejjien, diġa kienu mniżla u serħilha moħħha li dawn ser ikunu nklużi.

9.12.2.4 Is-Sur Dalli talab lil kunsilliera biex jekk m'għandhomx oġġezzjonijiet fuq dan ir-rapport, japprovawh biex kopja tiegħu tintbgħat lid-dipartiment tal-gvern lokali.

9.12.2.5 Il-kunsill unanimament approva dan ir rapport. Is-Sindku rringrazzja lil *accountant*, is-Sur Farrugia talli kien preżenti għal din il-laqgħa u tal-għajnuna tiegħu.

## 9.13 Applikazzjonijiet tal-Awtorita tal-Ippjanar

9.13.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil kunsill li riċentament ma kienx hemm applikazzjonijiet tal-Awtorita tal-Ippjanar ġodda alarmanti.

## 9.14 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

9.14.1 Qabel ma ntemmet il-laqgħa s-sindku staqsa lil kunsilliera jekk jixtiequx iżiedu xi ħaġa oħra.

9.14.2.1 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia tkelmet fuq il-*bus shelters* u xtaqet tkun taf il-kumpanija Faces Ltd fiex waslu fit-tibdil tal-*bus shelters*. Riċentament hija reġgħat rat lil xi nies ikejlu l-*bus shelters*.

9.14.2.2 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li aktarx dawn ix-xogħlijiet ta' manutenzjoni fuq il-*bus shelters* huma weqfin minħabba l-kawża li hemm fuqhom fil-qorti, pero ser tikkonferma dan.

9.14.3.1 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia staqsiet jekk il-kunsill għandux ħsieb jibgħat avviżi fid-djar tan-nies, dan meta Infrastructure Malta tikkonferma eżatti meta ser isir mill-ġdid parti mill-wiċċ ta' Triq Annibale Preca (mill-Mitħna il-fuq). Hija qalet li tajjeb li r-residenti jinżammu nfurmati bid-dettalji kollha u jingħataw alternattivi ta' toroq oħra minn fejn jistgħu jgħaddu sakemm ikunu qed isiru x-xogħlijiet.

9.14.3.2 Is-Sindku kkonferma li ser jintbgħatu avviżi lir-residenti tal-akwata meta kollox ikun ikkonfermat minn naħa ta' Infrastructure Malta. Huwa żied jgħid li sissa kull ilment li daħal il-kunsill mill-ewwel ġie mgħoddi għall-attenzjoni ta' Infrastructure Malta u dan biex kemm jista jkun jitnaqqas kull tip ta' nkonvenjent lir-resident.

9.14.4 Is-Sinjorina Farrugia reġgħat qajmet il-punt li hija diġa għamlet biex jinżabar il-ħaxix ta' Triq Salvu Mifsud. Is-Sindku nfurmaha li ser navżaw lil *contracts manager* biex jiġri wara l-kuntrattur tal-ġonna u jeħles ix-xogħlijiet pendenti kollha li huwa għandu.

9.14.5 Il-laqgħa ntemmet fil-5:35pm.

9.14.6 Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar l-Erbgħa 05 ta' Frar, 2020 u kien hemm qbil b'mod unanimu biex issir fl-4:00pm.

Konfermati, illum l-Erbgħa 05 ta' Frar, 2020.

| IFFIRMAT | IFFIRMATA |
| --- | --- |
| Anthony Dalli<br>Sindku | Pamela Borg<br>Segretarju Eżekuttiv |